Is-Swieqi
LOCAL COUNCIL

IS-SEBGĦA LEĠISLATURA 2017

SEDUTA NUMRU 42

Il-Kumitat tal Madliena iltaqa' fl-uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fiċ-Ċentru Ċiviku, Kunsill Lokali S-Swieqi, Triq G. Bassiera nhar l-Erbgħa 17 t'Ottubru 2018. Il-laqgħa bdiet fl' 16.00

Prezenti:

| | | |
|---|---|---|
| Maryanne Abela | - | Chairperson |
| Simon Stilon | - | Membru |
| Theresa Valentino | - | Membru |
| Godfrey Leone Ganado | - | Membru |
| Caroline Caruana | - | Membru |

Ufficjal Prezenti: Vince Tanti, Segretarju Ezekuttiv

Ic-Chairperson qalet it-talba.

## I APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

Il-Minuti nqraw, u saret osservazzjoni mill-Membru T. Valentino li ma kienux korretti, u xi punti msemmijja ġew diskussi f'laqgħa oħra. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li l-minuti huma fuq il-punti diskussi u li ħa nota tagħhom dakinhar tal-laqgħa, u la ġew diskussi dakinhar bilfors kellu jniżżel dak li ntqal. Kien hemm xi membri li wkoll deherilhom li l-punti ġew diskussi f'laqgħa oħra, u hawn is-Segretarju, la darba nqala dan id-dubju talab li l-minuti tal-laqgħa 39 tat-28 ta'Awissu 2018 ma jiġux approvati sakemm jiċċekkja man-noti tiegħu.

Il-Kumitat unanimament qabel fuq dan.

## II RAPPORT MIC-CHAIRPERSON

Ic-Chairperson talbet li l-laqgħa tiffoka kemm jista jkun fuq il-programme Military Madliena. Kien hemm qbil fuq dan.

Hija tkellmet fuq il-laqgħat li kellha mas -St. John's Rescue Corps, li ser jieħdu ħsieb għal Fire Safety u First Aid waqt l-attivita.

Saħqet li rridu nordnaw mobile toilets għax is-St. John's Rescur Corps mhus ser iħalluna nużaw tagħhom. Kien hemm qbil li jiġu ordnati dawn il-mobile toilets flimkien ma' nies biex jieħdu ħsiebhom matul l-attivita.

Is-Segretarju informa li huwa tkellem ma' rapreżentant ta' l-insurance u aċċertawh li mhux ser jinxurjaw l-attivita proposta ta' Zip-line. Sar qbil li din l-attivita titneħħa mill-program.

Tkellem ukoll fuq ir-risk assessment fejn qal li wara l-evalwazzjoni li saret fuq il-post ġie stabbilit fejn għandu jkun hemm aċċess għal pubbliku u fejn hu projbit li l-pubbliku jista jidħol. Din ġabet bosti problemi magħha għaliex l-organizzatur ta' l-attivita is-Sur Rosman Attard kellu ħafna pjanijiet ta' attivitajiet f'żoni li ma ġewx approvati għal pubbliku. Il-Kumitat qabel li jimxi mar-rapport tar-risk assessment.

Iċ-Chairperson qalet li ser titkellem ma' xi ħadd mis-Civil Protection sabiex jagħti l-opinjoni oħra fuq ir-rapport tar-Risk assessment, u s-Segretarju wieġeb li tista', pero min jiġi u jagħmel dan ir-rapport irid jkun lest jiffirma l-istess rapport li ser jagħamel u anke jassumi r-reponsabbilta'. Apparti min dan, fakkar li l-assessor li ġab hu jaħdem mas-Civil Protection.

**Il RAPPORT MIC-CHAIRPERSON – tkompli**

Il-Kumitat ftiehem fuq ir-responsabbiltajiet li kull wiehed u waħda għandu jerfa' r-responsabilta' waqt l-attivita', u dawn huma hekk kif indikati hawn taħt:

Simon Stilon – responsabbli mil- aspett ta' sponsorship, tindif, inkluż il-mobile toilets;

Vince Tanti – responsabbli mill-aspett ta' sigurta u assikurazzjoni; flimkien ma Godfrey Leone Ganado.

Maryanne Abela – responsabbli mill-marketing, inkluż koordinazzjoni ma' stazzjonijiet tat-TV u radju;

Caroline Asha Caruana – responsabbli mill-koordinament għal l-istands ta' l-ikel.

Theresa Valentino – responsabbli mill-koordinament mal-Viċi-Sindku fuq stand ta' l-ikel.

Din is-seduta ntemmet fis -6.30pm u ġiet aggornata għal darb oħra ftit qabel l-attivita, imma data għad trid tithabbar iktar il' quddiem.

Maryanne Abela
Chairperson

Vince Tanti
Segretarju Eżekuttiv